MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 49/1999/1

**Henry Tabone**

**vs**

**Hilda Demajo u b' dikjarazzjoni tas-26 ta' Settembru 2002 Joseph Cachia ddikjara li ser ikompli l-kawza stante il-mewt ta' Hilda Demajo fil-5 ta' Settembru 2001**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' Lulju 2003 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi ghal zmien twil l-intimata kienet tikri minghand il-Kunvent tal-Patrijiet Dumnikani tas-Sliema taht it-titular ta'

Gesu' Nazzarenu l-appartament numru 5 formanti parti minn blokk appartamenti li jgib in-numru 32, Tigne' Sea Front, Sliema, fejn ghexet flimkien ma zewgha, illum mejjet, bil-kera ta' ghaxar liri kull tlett xhur, pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem, l-iskadenza li jmiss fl-1 ta' Lulju, 1999;

Illi l-intimata hija anzjana ta' cirka 90 sena, illum residenti Casa Leone ghall-anzjani fejn ilha cirka ghaxar snin, u l-affarijiet taghha jiehu hsiebhom in-neputi taghha Joseph Cachia;

Illi l-imsemmi fond ilu battal ghal cirka ghaxar snin;

Illi permezz ta' ittra ffirmata fil-31 ta' Ottubru, 1991, (Dok A) l-intimata rrinunzjat ghall-kirja;

Illi permezz ta' skrittura li ggib id-data tal-5 ta' Novembru, 1991, (Dok B) il-Kunvent tal-Patrijiet Dumnikani kera l-appartament lir-rikorrenti;

Illi r-rinunzja ghall-kirja saret bil-patt illi r-rikorrenti ma jibdiex jokkupa l-fond de facto qabel il-mewt tal-intimata, u dan sabiex f'kaz ta' bzonn ikollha fejn tmur;

Illi dan il-patt inzamm da parti tar-rikorrenti;

Illi pero', cirka fl-1994, Joseph Cachia, il-prokuratur tal-anzjana intimata, beda jinnegozja l-appartament, u pprova jiddisponi minnu billi jbieghu;

Illi sa dak iz-zmien, ir-rikorrent Tabone ma ghamel l-ebda pass, izda meta ntebah illi l-prokuratur tal-intimata, Joseph Cachia, kien qed jinnegozja l-appartament, ippropona kawza sabiex l-intimata tirritornalu c-cwievet tal-appartament;

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (Dok C), moghtija fil-21 ta' Jannar, 1999, gie deciz illi l-vertenza esistenti bejn il-partijiet ghandha tinstema' mill-Bord li Jirregola l-Kera, billi huwa dak it-tribunal li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ghandu gurisdizzjoni;

Illi fil-kors ta’ dawk il-proceduri, l-intimata xehdet:

“*L-ideja tieghi kienet li jehduh wara li mmut jiena*”

Il-prokuratur Joseph Cachia kien xehed ukoll:

“*konna lesti li nghatu lura dan il-fond malli tmur il-konvenuta, u jien ghadni lest li nonora dan il-ftehim sal-llum”.*

Izda minkejja din l-affermazzjoni bil-gurament, l-istess Cachia xehed (fl-udjenza tas-26 ta’ Gunju, 1997) illi pprova jaghmel negozju tal-appartament billi zitu Hilda Demajo tixtrieh minghand il-Joint Office. Cachia qal li l-applikazzjoni ghamiltha Hilda Demajo, u hu ghinha timla dik l-applikazzjoni. Jekk tixtrieh Demajo, tkun f’qaghda li tiddisponi minnu, u b’hekk tevita l-effetti tal-ftehim pacifiku li jesisti bejn il-partijiet;

Ghalhekk, visto t-tentattiv li jiddisponi mill-fond, jew li jakkwistah b’titolu ta’ propjeta’, l-esponenti jidhirlu illi dak il-ftehim m’ghadux iktar jorbot, u li l-intimata ghandha tirritorna c-cwievet tal-appartament, li del resto ilu vojt ghaxar snin;

Di piu’, in non-uso tal-appartament da parti tal-intimata jaghti lok ghar-ripresa tal-fond imsemmi;

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord li Jirregola l-kera sabiex, ghar-ragunijiet suesposti, jikkundanna lill-intimata tirritornalu c-cwievet tal-appartament numru 5 formanti parti minn blokk appartamenti li jgib in-numru 32, Tigne’ Sea Front, Sliema, fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti, u f’kaz li l-intimata tonqos, tordna l-izgumbrament taghha mill-imsemmi fond.

Ra r-risposta

Preliminarjament l-inkompetenza ta’ dan il-Bord ‘rationae materiae’.

Preliminarjament ukoll u bla pregiudizzju ghas-suespost l-esponent m'huwiex il-legittimu kontradittur u t-talba tieghu ma tistax tirnexxi billi talba simili tista' tigi proposta biss minn sid ta' fond.

Dejjem bla pregiudizzju ghas-suespost l-intimata hi l-inkwilina tal-appartament 'de quo' minnha mikri mill-"Joint Office".

Fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ta' dan ir-rikors u tal-avviz numru 293/94 fl-ismijiet "*Patri Domenic Scerri ghan-nom tal-Kunvent tal-Patrijiet Dumnikani ta' Tas-Sliema taht it-Titular ta' Gesu Nazzareno, u Henry Tabone ghall kull interess li ghandu bhala inkwilin vs Hilda Demajo armla ta' Joseph Demajo" deciz mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-21 ta' Jannar 1999 (atti mehmuza mar-rikors tallum).*

Ra n-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-intimat.

Sema t-trattazzjoni ta' l-Avukat tar-rikorrent.

Ra s-sentenza tieghu tad-19 ta' Jannar 2000 fejn iddikjara ruhhu kompetenti 'ratione materiae'.

Ikkunsidra,

1. Din il-kawza ttawlet ghal xejn jew ghal xi haga aghar mix-xejn.

2. Ir-rikorrent kif jirrizulta mir-rikors m'huwiex il-propjetarju tal-fond imma l-kerrej.

"Ill-permezz ta' skrittura li ggib id-data tal-5 ta' Novembru 1991 (Dok B) il-Kunvent tal-Patrijiet Dumnikani kera l-appartament lir-rikorrent".

3. Milli jinghad ukoll fir-rikors il-fond illum hu propjeta' tal-Joint Office.

4. Illi l-kawza li saret referenza ghaliha saret mill-Kunvent tal-Patrijiet Dumnikani u r-rikorrent f'dan ir-rikors 'bhala inkwilin tal-fond' u 'ghal kull interess li ghandu'. L-avviz gie prezentat fit-28 ta' Marzu 1994 u deciz fl-ahharnett fil-21 ta' Jannar 1999 mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Ir-rikors tallum gie prezentat fl-20 ta' April 1999.

5. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimata (illum mejta) gie sottomess:

"Illi r-relazzjoni gjuridika tezisti biss bejn il-konvenuta bhala inkwilin tal-fond u sid il-propjeta' li huma l-Joint Office. Ghal dan ir-ragun l-attur m'ghadux relazzjoni gjuridika mal-konvenuta u in oltre m'huwiex il-legittmu kontradittur. Fil-ligi taghna l-attur irid ikollu nteress a bazi tad-dritt li qed jallega, qed jigi vjolat. In oltre t-talba, biex tkun proceduralment valida, trid tissodisfa diversi kundizzjonijiet li jinkludu l-'legitimacy to act', l-interess biex tagixxi kif ukoll l-ezistenza tad-dritt. Dawn il-kundizzjonijiet ma jigux sodisfatti fil-kaz odjern kif ser jintwera 'il quddiem".

6. Din is-sottomissjoni marbuta ma gurisprudenza tlahham l-eccezzjoni fir-risposta

"…l-esponent mhux il-legittimu kontradittur u t-talba tieghu ma tistax tirnexxi billi talba simili tista' tigi proposta biss minn sid il-fond".

7. Il-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta huwa msejjes fuq ir-rabta bejn sid u kerrej. Skond l-art 9 huwa s-sid li jista' jitolbu lill-Bord permess li jiehu lura l-pussess tal-fond fit-tmiem tal-kiri.

8. Ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess tal-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B'tal-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqarr iz-zerriegha ta' l-ezistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat tal-ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku (*ara 'Falzon Sant Manduca vs Weale, 9/1/59, Vol XLIII-1-1, 'Spiteri vs Zammit', 19/5/58, Vol XLII –2-1032*) izda jrid ikun personali u attwali fil-mertu ta' l-azzjoni kif proposta. ('*Schembri et vs Caruana et, App 5/10/01*). L-interess huwa l-mizura ta' l-azzjoni u ghandu jirrizulta mic-citazzjoni (*ara Vol XXXVII-11-608 u Vol XXIX-1-89*).

"Meta jinghad illi biex jipproponi azzjoni hu kelli jkun motivat b'interess gjuridiku, dan kien ifisser mhux kull xorta ta' interess kien bizzejjed biex jiradika l-azzjoni. It-terminu gjuridiku kien jimporta mhux biss interess personali u attwali fil-mertu imma kellu ukoll ikun tali li jissarraf fi pretensjoni ta' ezercizzju ta' dritt kontra l-persuna citata. Dritt azzjonabbli, illi kif hu risaput kellu parametri diversi sew fil-kamp tad-dritt privat u sew f'dak pubbliku……il-Qorti fil-kawza "Veronica mart David Farrugia et vs Mary mart Paul Buhagiar", deciza fit-2 ta' April 1999, qalet li 's-semplici terminu <u>interess</u> li jirrikorri fil-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili per ezempju fl-artikoli 236, 806 jew inkella 906 gie fil-gurisprudenza kwalifikat bhala 'interess guridiku' u din l-addizzjoni intiza biex tippreciza l-kuncett fir-realta' ikkomplikatu…… Fl-awturi u fil-gurisprudenza hafna drabi l-interess kien jigi komparat mal-<u>utilita</u>' imma dawn kjarament m'humiex sinonimi u allura dahal ukoll l-uzu tal-kuncett ta' <u>utilita' guridika</u> proprju biex titnaqqas id-divergenza taz-zewg konnotazzjonijiet u b'hekk bdew jintuzaw l-espressjonijiet <u>interess guridiku</u> u <u>utilita' guridika</u>" (*ara Attard et vs Baldacchino et, App 5/10/01).*

9. Din is-sentenza hi rifless ta' dak li jghidu l-Professuri Caruana Galizia u Ganado fin-noti taghhom. Hemm nuqqas ta' interess.

"if the plaintiff is not the person to whom the action is granted by law … It is evident that a favourable issue of the demand made by him is useless for him; on careful consideration, however, it will be proved that even in this case it is not really an interest which is wanting in the plaintiff, but rather a right and its violation".

10. Fid-dawl ta' dan it-taghlim ir-rikorrent ma ghandu l-ebda 'interess' li jaghmel din il-procedura ghax hu biss kerrej u mhux sid. Jinghad ukoll li jekk u dejjem jekk kien hemm rinunzja din saret favur is-sid u mhux favur il-kerrej.

Billi r-rikorrenti ma ghandu l-ebda 'interess' li jaghmel dawn il-proceduri l-Bord jichad it-talba tar-rikorrent u jillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gjudizzju; l-ispejjez barra dawk decizi bis-sentenza tad-19 ta' Jannar 2000 jithallsu mir-rikorrent.

Minn din is-sentenza appella r-rikorrenti bl-aggravju illi l-Bord ma kellux jilqa' t-tieni eccezzjoni ta' l-intimata u jiddeciedi li hu ma kellu l-ebda interess guridiku li jipproponi l-azzjoni. Huwa jikkontendi li l-interess tieghu u allura d-dritt azzjonabbli kien jemani mil-fatt ta' l-iskrittura tal-kera tal-5 ta' Novembru 1991 u tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet. Izid isostni illi f' kull kaz bil-mewt ta' l-intimata avvenuta fil-mori tal-kawza kien hemm bidla fic-cirkustanzi u allura l-Bord kellu japplika ghal kaz it-teorija tal-"*jus superveniens*";

Joseph Cachia subentrat fil-gudizzju stante l-mewt ta' l-intimata jikkontrasta l-aggravju interpost billi wiegeb li l-appellanti ma kellu l-ebda interess guridiku li jesperixxi l-azzjoni in kwantu din kienet tispetta lil sid il-fond u mhux lilu. Dippju, ma kien jirrikorri l-ebda element ghall-applikabilita` tal-principju tal-"*jus superveniens*";

Jinhass necessarju ghall-iskop tad-dibattitu u deliberazzjoni ta' l-aggravju sollevat u tar-risposta ghalih illi jigu qabel xejn inkwadrati l-aspetti li ser isegwu:

I. B’ dikjarazzjoni datata 31 ta’ Ottubru 1991 (fol. 3) l-intimata rrinunzjat ghal kirja favur taghha;

II. Din ir-rinunzja giet segwita minn kuntratt ta’ lokazzjoni tal-fond *de quo* bejn sid il-fond u l-appellant odjern. Dan skond skrittura datata 5 ta’ Novembru 1991 (fol. 4);

III. B’ sentenza datata 21 ta’ Jannar 1999 (fol. 6) il-Qorti ta’ l-Appell, Sede Inferjuri, fuq azzjoni proposta minn sid il-fond u l-appellant flimkien kienet hemm ikkonfermat il-punt investit tal-kompetenza tal-qorti ordinarja u ddeterminat, fuq l-istregwa tad-decizjonijiet minnha citati, illi tali gurisdizzjoni kienet tispetta lill-Bord li Jirregola l-Kera;

IV. Rinfaccjat b’ din id-decizjoni l-appellant wahdu ntavola l-azzjoni opportuna quddiem dan it-tribunal. Wara li b’ sentenza separata - 19 ta’ Jannar 2000 (fol. 28) - il-Bord irriafferma l-kompetenza tieghu, ghadda biex bis-sentenza appellata akkolja t-tieni eccezzjoni ta’ l-intimat fuq l-assunt li l-appellant ma kellu l-ebda interess guridiku ghall-azzjoni mressqa minnu. Fiha ssokta jinghad ukoll illi jekk saret rinunzja din kienet tiggjova lis-sid u mhux lill-kerrej. Hu proprju dan ir-ragonament u din il-konkluzjoni tal-Bord li qed jigu issa attakkati mill-appellanti;

Dan premess, jibda biex jigi osservat illi kif pacifikament akkolt fuq it-taghlim tal-**Mattirolo** (Diritto Giudiziario, Vol. 1, para 33 *et sequitur*) “*il mezzo di tutelare un diritto leso o immediatamento minacciato non puo essere esercitata senza un interesse, essendo assiomatico che l’ interesse è la misura delle azioni ed è il motivo che giustifica l’ accesso alle aule di giustizia. In altri termini, non basta che ci sia il diritto astratto per aprire l’ adito all’ esercizio di una azione, ma occorre che ci sia l’ interesse come condizione essenziale per poter allegare e dimostrare in tribunale tale diritto*” - “**Negte Edgardo Moore -vs- Onor. Joseph Huber *nomine*”,** Appell Civili, 25 ta’ Mejju 1932 (**Kollez. Vol. XXV P I p 506**);

Is-sentenza li fiha tista' tghid jinsab raggruppat il-koncett kollu *in subjecta materia* hi dik fl-ismijiet "**Pietro Paolo Borg -vs- Giuseppe Caruana**" deciza mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili, fit-3 ta' Dicembru 1984. L-estratt segwenti minnha jispjega sew it-tematika:

"In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt gudizzjarju civili li l-interess hu l-mizura ta' l-azzjoni (**Vol. XXXVII P II p 608**) u r-rekwizit ta' l-interess hu ndispensabbli ghall-proponibilita` ta' domandi fi kwalunkwe sede ta' gurisdizzjoni kontenzjuza (**Vol. XXVII P I p 507**). L-interess hu l-bazi ta' l-azzjoni (**Vol. XXIX P I p 891**); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (**Vol. XXX P I p 317**). L-attur fil-gudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment taghha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultament vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta. U l-interess irid ikun ga twieled u jrid ikun attwali, biex jiggustifika l-azzjoni (**Vol. XXXIII P I p 108; Vol. XXXVII P I p 57; Vol. XXXVII P II p 608**). Biex wiehed jipproponi domanda f' gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn illi jkollu nteress fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utili; liema nteress irid ikun legittimu u konkret (**Vol. XXVIII P II p 317**)";

Dawn l-istess principji gew mod jew iehor rispekkjati fis-sentenza recensjuri tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Agatha Formosa Gauci -vs- Avukat Dottor Francis Lanfranco *et***", 28 ta' Novembru 2003, ukoll bhal dik ta' qabilha familjari bosta ghall-Imhallef sedenti billi fihom kien jippatrocina lill-konvenuti rispettivi;

Premessi s-suesposti konsiderazzjonijiet ta' dritt, oggettivament konsiderata, l-materja *de quo agitur* ma jistax jinghad illi fl-appellant ma jinsabux ukoll il-kwalifiki generali ta' l-interess guridiku, personali, dirett u attwali. Dan l-interess tieghu jemani proprju mill-konsiderazzjoni li trid tinghata lill-iskrittura ta' ftehim lokatizju u li vvestiet lill-appellant bid-dritt ta' inkwilinat. Ftehim dan li ssubentra *ex post facto* r-rinunzja ta' l-inkwilina antecedenti. Rinunzja li saret fiz-zmien meta nghatat a favur ta' sid il-

fond. Dan hu bil-wisq evidenti mill-kontenut tad-dikjarazzjoni fid-dokument esebit a fol. 3;

Minn dak ricerkat mill-Qorti rrizultalha illi eccezzjoni konsimili ghal dik intavolata f’ dan il-kaz kienet ukoll giet sollevata fil-kawza fl-ismijiet “**Giuseppe Camilleri -vs- Giuseppe Attard Portughese**”, Appell Civili, 22 ta’ Gunju 1925 (**Kollez. Vol. XXVI P I p 199**). Fiha gie rimarkat hekk:

“*Che per quanto specioso sia il ragionamento degli appellanti, esso non arriva ad attaccare validamente l’ azione ezercitata anche se si ammettesse con loro che l’ attore non ebbe dal locatore alcuna cessione di diritti; inquantocche le fonti o cause delle obbligazioni non sono esclusivamente i contratti ma la legge e il fatto dell’ uomo in generale, si tale fatto lecito come i contratti e i quasi contratti, sia illecito, come i delitti e i quasi delitti; ed è dal fatto illecito dei convenuti i quali abusivamente, dietro la disdetta del locatore, mantenuto la detenzione dei fondi che essi dovevano rilasciare, che si sono creati dei rapporti giuridici tra loro e l’ attore, avendo essi con quel loro fatto non solo leso il diritto del proprietario, ma anche privato l’ attore di una detenzione che spettava a lui in virtu del contratto succennato del 19 Novembru 1924* (kuntratt ta’ lokazzjoni)”;

Issokta mbaghad jinghad dejjem f’ din l-istess sentenza illi:

“*Essendo l’ interesse la misura e la base di ogni azione, non si puo` negare che l’ attore abbia legalmente azionato i convenuti, che sono i soli che stanno ostacolando il suo diritto, impedendogli il godimento dei fondi suddetti e che abbia un interesse legittimo diretto ed attuale di avere questi liberi da chi li sta occupando senza titolo, oltre al risarcimento dei danni conseguenziali; ne` era necessaria la citazione del locatore, o il suo intervenuto in causa, una volta che egli non ha nulla fatto per ostacolare o menomare i diritti derivanti all’ attore dal contratto di locazione suddetto, ma anzi continua a sostenendo negando le pretensioni dei convenuti, e che l’ attore si*

*obbliga di far sgombrare gli inquilini a proprie spese e non ha inteso esercitare l' azione surrogatoria*.";

Il-Qorti ddilungat fuq il-precitata sentenza u ccitat estensivament minnha biex turi primarjament l-interess guridiku vestita fil-proponent ta' l-azzjoni, allavolja nkwilin. Insenjament dan approvat u konsegwit f' sentenzi ohra riportata a **Vol. XXVII P II p 97; Vol. XXXII P I p 381; Vol. XXXVII P I p 447 u Vol. XLII P I p 192**, fost ohrajn. Din il-Qorti ma ssibx raguni biex dan l-istess taghlim ma jsibx sostenn f' dan il-kaz anke jekk hawn l-azzjoni quddiem il-Bord biex jigi zgombrat l-inkwilin qed issir mill-inkwilin il-gdid u mhux mis-sid direttament. La saret kirja favur tieghu certament l-appellant ghandu nteress illi essenzjalment, kif jghid **Baudry-Lacantinerie** ("Del Contratto di Locazione", Vol. I para 274) jigi immess fil-pussess tal-haga lokata lilu. *Multo magis*, imbaghad, fejn ikun jirrizulta, bhal f' dan il-kaz, li l-inkwilina l-antika tkun irrinunzjat ghall-kirja. Jekk dan il-permess ghat-tehid tal-pussess kien jispetta li jsir lill-Bord in vista tal-kwestjoni determinata li eskludiet il-kompetenza tal-qorti ordinarja, din il-Qorti ma tarax ghaliex it-talba ma setghetx issir mill-inkwilin il-gdid, jew li din kellha ssir bilfors fil-kontradittorju ta' sid il-fond;

Gjaladarba l-kwestjoni quddiem il-Bord giet aggudikata fuq il-bazi ta' l-interess, jibqa' l-fatt illi ghal fini ta' din il-kawza u allura ta' l-appell interpost, manifestat il-fatt li tali interess guridiku kien jivvesti fl-appellant u li dan l-interess kien wiehed konkret u sussistenti di fronte ghall-inkwilina, l-azzjoni giet sewwa proposta mill-appellant u l-intimata inkwilina kienet il-legittima kontradittrici tieghu. Fic-cirkostanzi ser tghaddi biex tilqa' l-appell interpost izda mhux fil-mod kif mitlub mill-appellanti billi ma jirrizultax li l-meritu gie ezawrit mill-Bord.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell billi tiddikjara li l-appellanti kellu nteress guridiku jipproponi l-azzjoni. Tirrevoka ghalhekk is-sentenza appellata u tirrimetti l-atti lill-Bord li Jirregola l-Kera biex hemm jigi ttrattat u deciz il-meritu. In vista tac-cirkostanzi specjali ta'

din il-kawza, fl-ambitu tal-konsiderandi fuq maghmula, l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------